REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/384

tat-3 ta' Marzu 2021

dwar l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli u tal-ispeċijiet tal-ħxejjex u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 637/2009

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/53/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-katalogu komuni ta' varjetajiet ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli ([1]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/55/KE tat-13 ta' Ġunju 2002 dwar il-marketing ta' żrieragħ tal-ħxejjex ([2]), u b'mod partikolari t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttivi 2002/53/KE u 2002/55/KE jistipulaw regoli ġenerali fir-rigward tal-adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet, permezz ta' referenza għall-Artikolu 63 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 ([3]).

(2) F'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 sabiex varjetà ta' pjanta tiġi approvata, id-denominazzjoni ta' varjetà tagħha trid titqies xierqa mill-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO). Id-denominazzjoni ta' varjetà tkun adegwata, jekk ma jkun hemm l-ebda impediment f'konformità mal-paragrafi 3 jew 4 ta' dak l-Artikolu.

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 637/2009 ([4]) jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' ċerti kriterji stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 rigward l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli u tal-ispeċijiet tal-ħxejjex għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2002/53/KE u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2002/55/KE.

(4) Is-CPVO u l-Istati Membri stabbilew grupp ta' esperti, li żviluppa u emenda linji gwida dwar l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 ("Linji gwida dwar id-denominazzjonijiet ta' varjetajiet") ([5]). Sabiex tiġi żgurata l-konsistenza fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterji previsti mill-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94, huwa xieraq li jiġu previsti aktar kjarifiki li jirriżultaw mil-Linji Gwida dwar id-denominazzjonijiet ta' varjetajiet.

(5) Ir-Regolament (KE) Nru 637/2009 ġie emendat għadd ta' drabi. Fid-dawl tal-ħtieġa li jiġu emendati r-regoli eżistenti u fl-interess taċ-ċertezza tad-dritt, jenħtieġ li dak ir-Regolament jitħassar u jiġi sostitwit b'dan ir-Regolament.

(6) Denominazzjoni ta' varjetà trid tiġi approvata, sakemm ma tkunx adegwata minħabba impedimenti. Skont l-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 l-użu tad-denominazzjoni ta' varjetà jrid jiġi prekluż f'każ ta' dritt preċedenti ta' parti terza, diffikultajiet fir-rigward tal-għarfien jew ir-riproduzzjoni, denominazzjonijiet ta' varjetà tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-viċin, deskrizzjonijiet li jkunu użati komunement għall-bejgħ tal-oġġetti, fejn id-denominazzjoni tista' tikkawża offiża f'wieħed mill-Istati Membri jew tmur kontra l-ordni pubbliku, f'każ ta' konfużjoni minħabba xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali jew ta' kontenut qarrieqi.

([1]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 1.
([2]) ĠU L 193, 20.7.2002, p. 33.
([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2100/94 tas-27 ta' Lulju 1994 dwar drittijiet ta' varjetajiet ta' pjanti fil-Komunità (ĠU L 227, 1.9.1994, p. 1).
([4]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 637/2009 tat-22 ta' Lulju 2009 li jwaqqaf regoli ta' implimentazzjoni dwar l-adattabilità tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet ta' speċi ta' pjanti agrikoli u speċi ta' ħxejjex (ĠU L 191, 23.7.2009, p. 10).
([5]) Il-Linji Gwida dwar id-denominazzjonijiet ta' varjetajiet, Laqgħa 1 - tal-Kunsill Amministrattiv ta' (2018), DOC-AC-2018-1-7.

(7) Sabiex l-awtoritajiet kompetenti jingħataw biżżejjed żmien biex japplikaw ir-regoli l-ġodda, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

(8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 63 tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 rigward l-adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli u tal-ispeċijiet tal-ħxejjex, għall-finijiet tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2002/53/KE u tal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(6) tad-Direttiva 2002/55/KE.

Artikolu 2

Adegwatezza tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet

1. Denominazzjoni ta' varjetà għandha tkun adegwata, jekk ma hemm l-ebda impediment relatat mad-deskrizzjoni tagħha.

2. Ikun hemm impediment marbut mad-deskrizzjoni tad-denominazzjoni ta' varjetà f'każijiet meta:

(a) l-użu tad-denominazzjoni ta' varjetà fit-territorju tal-Unjoni huwa prekluż meta tintlaqa' oġġezzjoni ta' parti terza li jkollha dritt preċedenti, kif stabbilit fl-Artikolu 3(1);

(b) id-denominazzjoni ta' varjetà għandha kunflitt mal-indikazzjonijiet ġeografiċi, mad-denominazzjonijiet tal-oriġini jew mal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti, kif stabbilit fl-Artikolu 3(2);

(c) id-denominazzjoni ta' varjetà tista' tikkawża diffikultajiet għall-utenti tagħha fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni tagħha, kif stabbilit fl-Artikolu 4;

(d) id-denominazzjoni ta' varjetà hi identika għal denominazzjoni ta' varjetà jew tiġi mfixkla ma' denominazzjoni ta' varjetà taħt liema varjetà oħra tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-viċin iddaħħlet f'reġistru uffiċjali tal-varjetajiet tal-pjanti jew taħt liema materjal ta' varjetà oħra ġie kummerċjalizzat, kif stabbilit fl-Artikolu 5;

(e) id-denominazzjoni ta' varjetà tista' tikkawża konfużjoni minħabba xebh viżiv, fonetiku jew kunċettwali mad-denominazzjoni ta' varjetà tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-viċin, kif stabbilit fl-Artikolu 5;

(f) id-denominazzjoni ta' varjetà hi identika għal dežinjazzjonijiet jew tista' titħawwad ma' dežinjazzjonijiet li s-soltu jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni tal-oġġetti, jew li għandhom jinżammu ħielsa skont leġiżlazzjoni oħra, kif stabbilit fl-Artikolu 6;

(g) id-denominazzjoni ta' varjetà tista' tqarraq jew tikkawża konfużjoni, kif stabbilit fl-Artikolu 7.

Artikolu 3

Dritt preċedenti ta' parti terza

1. Ikun hemm impediment minħabba d-dritt preċedenti ta' parti terza, meta oġġezzjoni ta' parti terza, li jkollha trademark, kontra d-deskrizzjoni tad-denominazzjoni ta' varjetà fit-territorju tal-Unjoni, tintlaqa' minn kwalunkwe awtorità kompetenti. Dak l-impediment jikkonċerna trademarks li:

(a) ġew irreġistrati fi Stat Membru wieħed jew aktar jew fl-Unjoni qabel ma saret ir-reġistrazzjoni tad-denominazzjoni ta' varjetà;

(b) huma identiċi għad-denominazzjoni ta' varjetà jew simili għaliha; kif ukoll

(c) huma rreġistrati fir-rigward ta' oġġetti li jikkonsistu mill-istess speċi jew speċi relatati mill-viċin tal-varjetà kkonċernata.

2. Fil-każ tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, tad-denominazzjonijiet ta' oriġini jew tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti għall-prodotti agrikoli għall-oġġetti tal-ikel, għall-ispirti, għall-inbejjed aromatizzati u għall-prodotti tal-inbid bħala dritt preċedenti ta' parti terza, id-denominazzjoni ta' varjetà fit-territorju tal-Unjoni għandha tiġi prekluża fejn id-denominazzjoni ta' varjetà tmur kontra:

(a) l-Artikoli 13 u 24 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]);

(b) l-Artikolu 103 tar-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]);

(c) l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]);

(d) l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([9]).

3. Impediment għall-adegwatezza ta' denominazzjoni minħabba dritt preċedenti msemmi fil-paragrafu 1 għandu jieqaf jeżisti fejn inkiseb kunsens bil-miktub tad-detentur tad-dritt preċedenti għall-użu tad-denominazzjoni fir-rigward tal-varjetà ikkonċernata, dment li dan il-kunsens mhux probabbli li jqarraq bil-pubbliku dwar l-oriġini vera tal-prodott.

4. Fil-każ ta' dritt preċedenti tal-applikant fir-rigward tad-denominazzjoni proposta ta' varjetà kollha jew parti minnha, l-Artikolu 18(1) tar-Regolament (KE) Nru 2100/94 għandu japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 4

Diffikultajiet fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni ta' denominazzjoni ta' varjetà

1. Ikun hemm impediment minħabba diffikultajiet fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni ta' denominazzjoni ta' varjetà fejn denominazzjoni ta' varjetà tikkawża diffikultajiet lill-utenti tagħha fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni tagħha.

2. Denominazzjoni ta' varjetà għandha titqies li tikkawża diffikultajiet lill-utenti tagħha fir-rigward tar-rikonoxximent jew tar-riproduzzjoni tagħha fil-każijiet li ġejjin:

(a) fiha komparattivi jew superlattivi jew li tikkonsisti minnhom;

(b) fiha ismijiet botaniċi tal-ispeċijiet fi ħdan grupp jew ta' speċijiet ta' pjanti agrikoli jew ta' speċijiet ta' ħxejjex, li għaliha tappartjeni l-varjetà, jew tikkonsisti minnhom;

(c) fiha termini ta' tnissil u termini tekniċi, sakemm l-użu tagħhom flimkien ma' termini oħra ma jżommux milli tiġi rikonoxxuta d-denominazzjoni tal-varjetà, jew tikkonsisti minnhom;

(d) tikkonsisti esklussivament minn isem ġeografiku li kiseb reputazzjoni għall-ispeċi kkonċernata;

(e) tikkonsisti minn ittra waħda biss jew minn numri jew minn numri biss, sakemm dan ma jirrappreżentax prattika stabbilita għad-dežinjazzjoni ta' ċertu varjetajiet;

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1).

([7]) Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671).

([8]) Ir-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91, (ĠU L 84, 20.3.2014, p. 14).

([9]) Ir-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoholiku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU L 130, 17.5.2019, p. 1).

(f) fiha wisq kliem jew elementi, ħlief jekk il-kliem jagħmluha faċli li tiġi rikonoxxuta, jew tikkonsisti minnhom;

(g) fiha punt esklamattiv jew simbolu ieħor, taħlita ta' ittri kbar u żgħar (ħlief fejn l-ewwel ittra tinkiteb b'ittra kbira u l-bqija tad-denominazzjoni b'ittri żgħar), subskritt, superskritt jew disinn jew element figurattiv (ħlief l-appostrofu (’), il-virgola (,), sa żewġ punti esklamattivi mhux biswit xulxin (!), il-punt tal-waqfa (.) jew is-sing (–), is-simboli tal-iżbarra mmejla 'l quddiem (/) jew l-iżbarra mmejla 'l isfel (\));

(h) fiha subskritt, superskritt jew disinn, logo jew element figurattiv, jew tikkonsisti minnhom.

Artikolu 5

Denominazzjoni li hi identika jew li tista' tiġi mfixkla ma' denominazzjoni ta' varjetà oħra

1. Ikun hemm impediment għad-deskrizzjoni tad-denominazzjoni ta' varjetà meta din tkun identika jew tista' tiġi mfixkla ma':

(a) denominazzjoni ta' varjetà taħt liema ddaħħlet varjetà oħra tal-istess speċi jew ta' speċi relatat mill-viċin magħha f'reġistru uffiċjali; jew

(b) denominazzjoni ta' varjetà taħt liema materjal ta' varjetà oħra ġie kummerċjalizzat fi Stat Membru jew fit-territorju ta' parti kontraenti tal-Unjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni ta' Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti ("UPOV");

sakemm il-varjetà l-oħra ma tibqax teżisti aktar u d-denominazzjoni tagħha ma kisbet l-ebda sinifikat speċjali.

2. Sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx konfużjoni għall-finijiet tal-paragrafu 1, l-awtorità kompetenti l-ewwel għandha tanalizza kull wieħed mill-aspetti viżivi, fonetiċi u kunċettwali separatament u mbagħad tagħmel valutazzjoni ġenerali, b'kunsiderazzjoni tad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet tal-istess speċi jew ta' speċi relatata mill-viċin, dment li l-varjetajiet ikkonċernati msemmija f'dan il-paragrafu u fil-paragrafu 1 kienu jew is-suġġett ta' dritt ta' varjetà ta' pjanta jew ta' applikazzjoni tagħha, jew aċċettati uffiċjalment għall-kummerċjalizzazzjoni, fit-territorju ta' wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) l-Unjoni;

(b) iż-Żona Ekonomika Ewropea;

(c) parti kontraenti tal-UPOV;

(d) Membru tal-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD).

3. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

(a) "speċijiet relatati mill-viċin" tfisser l-ispeċijiet elenkati fl-Anness;

(b) "reġistru uffiċjali tal-varjetajiet" tfisser il-Katalgu Komuni tal-Varjetajiet ta' Speċijiet ta' Pjanti Agrikoli, kif imsemmi fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/53/KE jew fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 2002/55/KE, jew il-Lista ta' Varjetajiet tal-OECD, jew ir-reġistru tal-varjetajiet tal-pjanti ta' Membru tal-UPOV";

(c) "varjetà ma tibqax teżisti aktar" tfisser varjetà li l-materjal tagħha ma għadux jeżisti aktar;

(d) "id-denominazzjoni ma kisbet ebda sinifikat speċjali" tfisser sitwazzjoni fejn id-denominazzjoni ta' varjetà li ddaħħlet f'reġistru uffiċjali ta' varjetajiet tqieset li tilfet sinifikat speċjali meta jgħaddi perjodu ta' 10 snin wara li titħassar minn dak ir-reġistru, sakemm ma jkunx hemm ċirkostanzi ta' eċċezzjoni.

Artikolu 6

Deskrizzjonijiet li s-soltu jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti

1. Ikun hemm impediment għad-deskrizzjoni ta' denominazzjoni ta' varjetà meta d-denominazzjoni ta' varjetà tkun identika jew tista' titħawwad ma' deskrizzjonijiet oħra li s-soltu jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti jew li għandhom jinżammu liberi skont leġiżlazzjoni oħra.

2. Deskrizzjonijiet li s-soltu jintużaw għall-kummerċjalizzazzjoni ta' oġġetti jew li għandhom jinżammu liberi skont leġiżlazzjoni oħra għandhom ikunu:

(a) denominazzjonijiet tal-munita;

(b) termini assoċjati ma' piżijiet u ma' qisien;

(c) espressjonijiet u termini li ma għandhomx jintużaw għal finijiet oħra għajr dawk previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew ta' Stat Membru.

Artikolu 7

Kontenut qarrieqi

1. Ikun hemm impediment għad-deskrizzjoni ta' denominazzjoni ta' varjetà fejn dan x'aktarx tista' tqarraq jew toħloq konfużjoni dwar il-karatteristiċi, il-valur jew l-identità tal-varjetà, jew l-identità tan-nissiel jew ta' xi parti oħra fil-proċedimenti.

2. Jitqies li denominazzjoni ta' varjetà x'aktarx tqarraq jew tikkawża konfużjoni jekk:

(a) tagħti l-impressjoni qarrieqa li l-varjetà hija relatata ma', jew derivata minn, varjetà speċifika oħra;

(b) tagħti l-impressjoni qarrieqa li l-varjetà għandha karatteristiċi jew valur partikolari;

(c) tirreferi għal karatteristika jew valur speċifiku b'mod li tagħti l-impressjoni qarrieqa li dik il-varjetà biss għandha dik il-karatteristika jew valur speċifiku jew, filwaqt li varjetajiet oħra tal-istess speċi jistgħu jkollhom l-istess karatteristika jew valur;

(d) tixbah isem kummerċjali magħruf sew għajr għal trademark irreġistrata jew denominazzjoni ta' varjetà;

(e) tissuġġerixxi li l-varjetà hija varjetà oħra;

(f) tagħti l-impressjoni qarrieqa dwar l-identità tal-applikant, tal-persuna risponsabbli miż-żamma tal-varjetà, jew tan-nissiel;

(g) tikkonsisti fi, jew ikun fiha:

(i) komparattivi jew superlattivi li jistgħu jkunu qarrieqa fir-rigward tal-karatteristiċi tal-varjetà;

(ii) l-ismijiet botaniċi jew l-ismijiet komuni tal-ispeċi, fi ħdan il-grupp jew tal-ispeċijiet tal-pjanti agrikoli jew tal-ispeċijiet ta' pjanti agrikoli jew tal-ispeċijiet tal-ħxejjex, li għaliha tappartjeni l-varjetà;

(iii) l-isem ta' persuna fiżika jew ġuridika, jew referenza għaliha, biex tagħti l-impressjoni qarrieqa dwar l-identità tal-applikant, tal-persuna risponsabbli miż-żamma tal-varjetà, jew tan-nissiel;

(h) dan jinkludi isem ġeografiku li probabbilment ifixkel lill-utent fir-rigward tal-karatteristiċi jew tal-valur għall-kultivazzjoni u l-użu tal-varjetà.

Artikolu 8

Tħassir tar-Regolament (KE) Nru 637/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 637/2009 hu b'dan imħassar.

Madankollu, dan ir-Regolament jissokta japplika għad-denominazzjonijiet ta' varjetajiet li ġew proposti mill-applikant lill-awtorità kompetenti għall-approvazzjoni tagħhom qabel l-1 ta' Jannar 2022.

Artikolu 9

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2022.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-3 ta' Marzu 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

Definizzjoni ta' speċijiet relatati mill-qrib fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 5(3)

Għall-finijiet tad-definizzjoni ta' "speċijiet relatati mill-qrib", kif imsemmija fl-Artikolu 5(3), għandu japplika dan li ġej:

(a) jekk hemm aktar minn klassi waħda f'ġeneru, għandha tapplika l-lista tal-klassijiet fil-parti I;

(b) jekk klassijiet jikkonsistu f'aktar minn ġeneru wieħed, għandha tapplika l-lista tal-klassijiet fil-parti II;

(c) bħala regola ġenerali, għal ġeneri u speċijiet mhux koperti mil-lista tal-klassijiet fil-partijiet I u II, ġeneru jitqies bħala klassi.

PARTI I

KLASSIJIET FI ĦDAN ĠENERU

Klassijiet	**Ismijiet botaniċi**
Klassi 1.1:	*Brassica oleracea*
Klassi 1.2:	*Brassica* għajr għall-*Brassica oleracea*
Klassi 2.1:	*Beta vulgaris* L. var. *alba* DC., *Beta vulgaris* L. var. *altissima*
Klassi 2.2:	*Beta vulgaris* ssp. *vulgaris* var. *conditiva* Alef. (syn.: B. vulgaris L. var. rubra L.), B. *vulgaris* L. var. *cicla* L., B. *vulgaris* L. ssp. *vulgaris* var. *vulgaris*.
Klassi 2.3:	*Beta* għajr għall-klassijiet 2.1 u 2.2.
Klassi 3.1:	*Cucumis sativus*
Klassi 3.2:	*Cucumis melo*
Klassi 3.3:	*Cucumis* għajr għall-klassijiet 3.1 u 3.2
Klassi 4.1:	*Solanum tuberosum* L.
Klassi 4.2:	Tadam & Salvaġġ tat-tadam: — *Solanum lycopersicum* L. (*Lycopersicon esculentum* Mill.) — *Solanum cheesmaniae* (L. Ridley) Fosberg (*Lycopersicon cheesmaniae* L. Riley) — *Solanum chilense* (Dunal) Reiche (*Lycopersicon chilense* Dunal) — *Solanum chmielewskii* (C.M. Rick et al.) D.M. Spooner et al. (*Lycopersicon chmielewskii* C. M. Rick et al.) — *Solanum galapagense* S.C. Darwin & Peralta (*Lycopersicon cheesmaniae* f. minor (Hook. f.) C. H. Müll.) (*Lycopersicon cheesmaniae* var. minor (Hook. f.) D. M. Porter) — *Solanum habrochaites* S. Knapp & D.M. Spooner (*Lycopersicon agrimoniifolium* Dunal) (*Lycopersicon hirsutum* Dunal) (*Lycopersicon hirsutum* f. *glabratum* C. H. Müll.) — *Solanum pennellii* Correll (*Lycopersicon pennellii* (Correll) D'Arcy) — *Solanum peruvianum* L. (*Lycopersicon dentatum* Dunal) (*Lycopersicon peruvianum* (L.) Mill.) — *Solanum pimpinellifolium* L. (*Lycopersicon pimpinellifolium* (L.) Mill.) (*Lycopersicon racemigerum* Lange) u ibridi bejn dawk l-ispeċijiet
Klassi 4.3:	*Solanum melongena* L.
Klassi 4.4:	*Solanum* għajr għall-klassijiet 4.1, 4.2 u 4.3

PARTI II

KLASSIJIET LI FIHOM AKTAR MINN ĠENERU WIEĦED

Klassijiet	**Ismijiet botaniċi**
Klassi 201:	*Secale, Triticosecale, Triticum*
Klassi 203 *:	*Agrostis, Dactylis, Festuca, Festulolium, Lolium, Phalaris, Phleum* u *Poa*
Klassi 204 *	*Lotus, Medicago, Ornithopus, Onobrychis, Trifolium*
Klassi 205:	*Cichorium, Lactuca*

* Il-klassijiet 203 u 204 mhumiex stabbiliti biss fuq il-bażi ta' speċijiet relatati mill-qrib.